MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru 17/2006

**Att. T'Akkuza Nru. 17/2006**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Nazzarene Muscat**
**Clayton Galea**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2006 kontra l-akkuzati Nazzarene Muscat u Clayton Galea, li bih huma gew akkuzati talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap talli ghall-bidu tas-sena elfejn u erba (2004), Clayton Galea kien sar midhla ta' Nazzarene Muscat. Clayton Galea allura kien jaf li dan Nazzarene Muscat kien involut u implikat fit-tmexxija tad-droga, ossia medicini perikoluzi f'diversi bnadi ta' Malta.

F’Lulju tas-sena 2004, it-tnejn li huma kienu iltaqghu gewwa Bulebel Industrial Estate, Zejtun, Malta. Kien Nazzarene Muscat li beda jipprova ihajjar lil Clayton Galea sabiex jidhol socju mieghu fit-traffikar tad-droga f’Malta. Ghall-ewwel, Clayton Galea irrezista it-tentazzjonijiet li Nazzarene Muscat kien qieghed jipprova iwaqqu fihom. Pero’, eventwalment Clayton Galea spicca sabiex waqa’ ghal dawk it-tentazzjonijiet, aktar u aktar meta intebah il-prezz gholi li d-droga kienet iggib fis-suq lokali, partikolarment meta tinbiegh illegalment fit-toroq.

Mela kien ghal habta ta’ Gunju tas-sena 2004 li Nazzarene Muscat u Clayton Galea dahlu socji ma’ xulxin u ftehemu li jinvolvu ruhhom fit-traffikar tad-droga f’Malta. Wara li ftehemu, ikkumbinaw bejniethom il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta’ dan il-pjan miftiehem bejniethom. Dawn kienu li Nazzarene Muscat jippresta l-uzu tal-appartament tieghu gewwa z-Zejtun, fejn seta’ jahbi u jahzen id-droga li minn zmien ghal zmien kien jipprokura, mentri Clayton Galea kellu jirrealizza l-kuntatti lokali sabiex id-droga setghet tinbiegh u r-rikavat taghha jinqasam bejniethom ilkoll.

Fortunatament, il-Pulizija Maltija kienet qeghda tircevi taghrif anonimu u xort’ohra dwar din l-attivita’ ta’ dawn iz-zewg persuni. Kien ghalhekk li l-Pulizija bdiet izzomm l-inhawi tal-appartament in kwistjoni taht sorveljanza stretta, f’liema perjodu ta’ sorveljanza irnexxielha anke tara u tosserva direttament lil dawn iz-zewg persuni jahznu w jippakkjaw r-raza f’pakketti differenti. Huma nqabdu fil-fatt bil-pussess komuni tal-imsemmija droga mill-Pulizija Maltija biex b’hekk din l-assocjazzjoni ta’ bejniethom fit-traffikar tad-droga giet sfrattata u intemmet fix-xejn.

Illi b'eghmilhom, l-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew,

ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigu iddikjarati hatja l-akkuzati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minn tfittxija li l-Pulizija ghamlet fit-tnax ta' Lulju tas-sena 2004, fiz-Zejtun u f'appartament gewwa Triq Xandru Pulis, Zejtun, kif ukoll fl-inhawi tal-istess appartament, instab li Nazzarene Muscat u Clayton Galea kienu fil-pussess xjenti ta' kwantita' kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis. Minbarra li instabu hafna affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-abbuz tad-droga, bhal karti w kuccarini, nstabu wkoll hames sapuniet tar-raza tal-cannabis, b'piz ta' cirka il-fuq minn kilo.

Ghalkemm Nazzarene Muscat kien ivvizjat bid-droga, tant li kien juza ghalih innifsu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, din il-kwantita' ferm kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lil

haddiehor f'Malta, bi skop ta' qliegh. Originarjament, din il-kwantita' ta' raza kienet giet ipprokurata minn Nazzarene Muscat u Clayton Galea flimkien. Ftit jiem qabel, u cioe' ghall-habta ta' Gunju tas-sena 2004, it-tnejn li huma kienu ssiehbu fil-pussess ta' din id-droga fic-cirkostanzi u bl-ghanijiet imsemmija fil-kap precedenti.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghalija tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu tagghom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea, hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri tal-assocjazzjoni u pussess tad-droga kif deskritt fil-kapi precedenti, irrizulta lill-Pulizija li Nazzarene Muscat kien, sia fit-12 ta’ Lulju, 2004, kif ukoll fil-perjodu tal-erba’ gimghat ta’ qabel, abbuza mill-meter tal-kurrent elettriku. Dana sar billi huwa waqqaf l-arlogg tad-dawl b’bicca apparat, halli b’hekk ma jigix irregistrat l-konsum tal-kurrent elettriku. Konsegwentement, Nazzarene Muscat volontarjament ikkaguna hsara fis-sistema tal-apparat kollu.

B’hekk, Nazzarene Muscat irrenda ruhu hati talli volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, u ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Nazzarene Muscat, hati talli volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, u ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 326(1)(c), 264(1)(2), 20, 23, 17(b), u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi minn tfittxija li saret mill-Pulizija nhar it-12 ta’ Lulju, 2004, gewwa r-residenza ta’ Nazzarene Muscat fi-Zejtun, u partikolarment gewwa l-garaxx fejn dana kien jahzen u jipprepara r-raza ghat-traffikar, instab li l-istess Nazzarene Muscat kien xjentement fil-pussess ta’ pistola bil-munizzjon relattiv, u li huwa kien xtara u pprokura illegalment xi gimghat qabel.

Din id-darba, Nazzarene Muscat ikkommetta ir-reat ta’ pussess illegali ta’ arma tan-nar u munizzjon.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Nazzarene Muscat, hati talli, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjon.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u li huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn tlett xhur sa’ tlett snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3(1), 19, u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjionijiet preliminari tal-akkuzat Nazzarene Muscat tas-16 t'Awwissu, 2006 li biha eccepixxa :-

(1) ill l-*process verbal* numru 1506/04 li jinsab inserit fl-att tal-Istruttorja huwa inammissibbli bhala prova peress illi dan gie prezentat fl-atti biss b' nota tal-Avukat Generali minghajr il-konferma bil-gurament tar-Registratur tal-Qorti ;

(2) Illi ghall-istess raguni esposta fl-ewwel eccezzjoni, x-xhud Hugh Camilleri ndikat mill-Avukat Generali li kien gie nominat fil-kors tal-istess inkjesta mertu tal-process verbal 1506/04 huwa xhud inammissibbli in kwantu dan ser jixhed dwar opinjonijiet tieghu peress li dan ix-xhud hu expert *ex parte* in vista tal-fatt li n-nomina tieghu qatt ma saret jew setghet tigi konfermata mill-Qorti.

(3) Illi l-ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza huwa null stante li hemm karenza fil-parti espozittiva tal-istess b' dan illi l-fatti hemm migjuba ma jaghtux deskrizzjoni fis-sustanza tar-reat addebitat lill-eccipjent fil-parti akkuzatorja tal-istess kap. Di fatti minn imkien fil-qari ta' dan il-kap ma hemm accenn ghall-fatt illi mqar wiehed mill-persuni (l-allegati membri tal-*associazione criminis* ) imsemmija fl-espozizzjoni tal-fatti m' ghandu awtorizzazzjoni jew licenzja ghall-importazzjoni, biegh jew traffikar tal-medicina perikoluza hemm indikata. Illi huwa ovvju li sabiex persuna igib ruha hatja tar-reat ta' assocjazzjoni llegali ghall-finijiet tal-importazzjoni ta' medicina perikoluza irid jigi mqar allegat l-element *sine qua non* tar-reat u cioe' illi fil-fatt tali persuna kienet inabilitata legalment milli tassocja ruha ghal dak l-ghan proprju ghaliex ma tkunx persuna awtorizzata skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

(4) Illi l-proceduri kontra l-eccipjent taht it-tielet kap ta' l-Att ta' l-akkuza huma nulli u dan peress li minn imkien mill-atti ma tirrizulta l-kwerela tal-parti leza kif rikjest *ad validitatem* mid-dispost tal-proviso tal-artikoilu 326(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(5) Illi t-tielet kap huwa rritu w null ghaliex il-parti espozittiva tal-istess kap ma jigux imfissra l-fatti li jikkostitwixxu r-reat u dan b' nuqqas ta' osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 589 tal-Kap.9 . Fil-fatt minn imkien mill-parti espozittiva ma tirrizulta mqar allegazzjoni illi saret xi forma ta' dannu u ta' x' setghu kienu l-fatti ta'kif gie kagjunat id-dannu

(6) illi r-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza huwa irritu w null ghaliex il-parti espozittiva tal-istess kap ma jigux imfissra l-fatti li jikkostitwixxu r-reat u dan b' nuqqas ta' osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 589 tal-Kap.9 u dan peress li fin-narrativa tal-fatti ma jissemmiex fatt li jikkostitwixxi element essenzjali tar-reat addebitat fil-parti akkuzatorja w cioe' li l-akkuzat ma kienx debitament licenzjat sabiex izomm arma tan-nar jew munizzjon.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-akkuzat Clayton Galea tat-23 t' Awwissu, 2006, li biha eccepixxa li l-ewwel zewg kapi huma nulli w bla effett fil-ligi. Skond l-artikolu 589 ( c ) l-att ta' l-akkuza ghandu "*ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat"* . Il-parti narrativa tindika partijiet li mhumiex fatti addebitati lill-akkuzat. L-Avukat Generali pogga lil kull ko-akkuzat f' keffa wahda. Ghalhekk ma tista' qatt "tfisser fatt" meta l-fatt ma hux relatat mall-akkuzat. Kwindi minghajr il-fatt, ir-reat ma hux kostitwit ghaliex m' ghandux ezistenza legali.

Rat il-verbal tat-12 ta Marzu, 2007 , li bih Dr. S. Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni talab zmien biex, jekk hu l-kaz, jaghmel rikors fejn jitlob il-korrezzjoni opportuna fl-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza in vista tat-tielet eccezzjoni ;

Rat ukoll il-verbal tal-istess seduta li bih Dr. Tonna Lowell ghamel riferenza ghall-artikolu 569 (4) tal-Kodici Kriminali li jaghti poter lill-Avukat Generali li jesebixxi l-process verbal b' nota u jitlob li jivverifika ghal kull buon fini il-process verbal kienx ghand l-Avukat Generali .

Semghet it-trattazzjoni;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tat-18 t' April, 2007 li bih talab ai termini tal-artikolu 597 (2) tal-Kodici Kriminali , sabiex isiru s-segwenti korrezzjonijiet fl-Att ta' l-Akkuza:-

I. fit-tielet paragrafu ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza , wara l-kliem *"…ftehemu li jinvolvu ruhom fit-traffikar tad-droga f' Malta"* jidhlu l-kliem: *"l-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea ma kienux licenzjati skond il-ligi biex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza f' Malta" .*

II. fl-ewwel paragrafu tar-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza, wara l-kliem *"….u li huwa kien xtara u pprokura illegalment xi gimhat qabel"* jidhlu l-kliem : *"u dan minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan il-pussess."*

Rat ir-risposta tal-akkuzat Clayton Galea tal-20 t' April, 2007, li biha qal li l-korrezzjonijiet mitluba bl-ebda mod ma jeffettwaw jew b' xi mod jannullaw l-eccezzjonijiet preliminari tieghu w kwindi wiehed ghandu jirregola ruhu fid-dawl tal-imsemmija eccezzjonijiet.

Rat ir-risposta ta' l-akkuzat Nazzarene Muscat tal-24 t' April, 2007, li biha huwa rrimetta ruhu ghat-talba tal-Avukat Generali kif dedotta fir-rikors datat 18 t' April, 2007;

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid tiddisponi mir-rikors tal-Avukat Generali fuq imsemmi fejn talab il-korrezzjonijiet fl-att ta' l-akkuza, ghaliex una volta li jigu akkolti jew michuda dawn il-korrezzjonijiet mitluba, jistghu jkollhom effett fuq l-eccezzjonijiet intavolati mill-akkuzati .

Illi fir-rigward tal-korrezzjoni mitluba fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) tat-22 t' April, 2004, fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb"** fejn kienet l-istessQorti li *"marte propria"* rinfaccjata b'eccezzjoni simili ghal dik sollevata mill-akkuzat Muscat, ordnat il-korrezzjoni ai termini tal-artikolu

597 u 499 (6) tal-Kodici Kriminali u ordnat li fl-att ta’ l-Akkuza jidhlu l-kliem : *“L-imsemmi Simon Xuereb ma kienx licenzjat skond il-ligi biex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza f’ Malta”* u dan dik il-Qorti ghamlitu anki jekk ma kienx strettament mehtieg f’ dak il-kaz, *“sabiex ma jkunx hemm ekwivoci u anki sabiex jigu evitati eccezzjonijiet simili fil-futur”* u ghaliex f’kazijiet fejn l-akkuza tkun ta’ assocjazzjoni bi ksur tal-artikolu 22 (1) (f) tal-Kap.101, ikun opportun li l-Prosekuzzjoni tispecifika li l-akkuzat (jew akkuzati skond il-kaz) ma kienx debitament licenzjat biex jimporta jew ibiegh medicina perikoluza f’ Malta. Ghalhekk zgur li ma jistax ikun hemm dubju li korrezzjoni bhal dik li qed jitlob l-Avukat Generali hija wahda permissibbli skond l-art. 597 (2) tal-Kodici Kriminali w ghalhekk il-Qorti qed tilqa’ t-talba ghall-korrezzjoni.

L-istess jintqal fir-rigward tal-korrezzjoni mitluba fir-raba’ kap ta’ l-att ta’ l-akkuza w b’ analogija ma dak appena citat, din il-korrezzjoni hija perfettament *in ordine* u l-Qorti qed tilqa’ t-talba tal-Avukat Generali dejjem a tenur tal-art. 597 (2). tal-Kodici Kriminali.

Illi del resto l-istess akkuzat Nazzarene Muscat irrimetta ruhu ghal din it-talba ghall-korrezzjonijiet u l-akkuzat l-iehor illimita ruhu li jghid biss li l-korrezzjonijiet mitluba bl-ebda mod ma jeffettwaw jew b’ xi mod jannullaw l-eccezzjonijiet preliminari tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-**ewwel eccezzjoni** ta’ Nazzarene Muscat, jirrizulta mill-atti tal-istess process verbal (fol. 4) li dan kien inghalaq u ntbaghat lill-Avukat Generali fid-9 ta’ Novembru, 2004 u li mbaghad l-Avukat Generali kien ipprezentah b’ nota fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-akkuzati fis-17 ta’Gunju, 2005. (fol. 296 tal-kumpilazzjoni). Issa l-artikolu 569 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li meta l-Avukat Generali jibghat lura l-atti tal-process verbal lill-Magistrat Inkwirenti jew lil Magistrat tal-kumpilazzjoni skond is-subartikolu (2) tal-istess artikolu, dawk l-atti <u>ghandhom jintbaghtu lura permezz ta’ nota</u> li tigi prezentata fil-Qorti tal-Magistrati w minkejja kull haga li

tista' tinstab fil-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali m' ghandux jitharrek sabiex jesebixxi dawk l-atti skond is-sub-artikolu (4).

Ghalhekk il-procedura uzata mill-Avukat Generali biex esebixxa l-process verbal numru 1506/04 fl-atti tal-kompilazzjoni kontra l-akkuzati kienet pjenament in regola u kif titlob l-istess ligi u konsegwentement din l-eccezzjoni hija manifestament infondata w qed tigi respinta.

Isegwi allura li anki t**-tieni eccezzjoni** tal-akkuzat Nazzarene Muscat hija bla bazi legali ghaliex ladarba il-process verbal gie esebit regolarment u allura huwa ammissibbli bhala prova skond il-ligi, kull nomina ta' espert li saret fl-atti tal- *in genere* kienet valida w meta giet sussegwentement konfermata fl-atti tal-kompilazzjoni, dan seta' jsir bla ebda xkiel jew ostakolu legali. F' kull kaz umbaghad, meta l-espert ikun gie konfermat fin-nomina originali tieghu fil-kors tal-kompilazzjoni dan ma jkun xejn hlief nomina mill-gdid tal-espert ghall-fini tal-kumpilazzjoni w hu dejjem allura jkollu d-dritt li jirrelata w jesprimi l-opinjonijiet tieghu bhala espert tal-Qorti w qatt ma jista' jitqies bhala espert "*ex parte*" kif qed jikkontendi l-akkuzat Muscat. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni wkoll qed tigi respiunta bhala infondata.

Illi ghar-rigward tat-**tielet eccezzjoni** tal-akkuzat Muscat, issa li qed tigi ordnata il-korrezzjoni tal-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza kif fuq intqal, u li ser jizdiedu il-kliem :"*L-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea ma kienux licenzjati skond il-ligi biex jimpurtaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza f' Malta",* il-bazi ta' din l-eccezzjoni tisfuma fix-xejn u ghalhekk qed tigi respinta.

Illi ghar-rigward tar-**raba' eccezzjoni** tal-akkuzat Muscat, anki kieku stess fiz-zmien tal-kommissjoni tal-allegat reat u meta l-akkuzat Muscat tressaq akkuzat quddiem il-Qorti Istruttorja, kienet diga' mehtiega l-kwerela tal-parti offiza biex ikunu jistghu jittiehdu passi kontra tieghu f'din l-istanza - rekwizit introdott biss bl-Att XXII tal-2005 – li ma jidhirx li hu l-kaz ghaliex ir-reat allegat fir-raba' kap jirriferi ghat-12 ta' Lulju, 2004 u ghall-periodu tal-erba' gimghat

ta' qabel, skond l-artikolu 390 (5) tal-Kodici Kriminali, jekk matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-Qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-ligi. Mill-ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li sakemm gew maghluqa l-atti tal-kompilazzjoni li l-akkuzati kienu talbu, w lanqas li l-Qorti Istruttorja *ex officio* kienet ordnat il-prova tal-kwerela. Konsegwentement ghall-fini tal-proceduri kollha li sehhew wara d-data tal-eghluq tal-komplilazzjoni, l-kwerela ghandha f' kull kaz titqies li saret skond il-ligi (kieku stess kienet mehtiega). (ara. App. Krim. **"Ir-Repubblika vs. Denis Pandolfino et."** [19.4..2007],

Ghalhekk ir-raba eccezzjoni tal-akkuzat Nazzarene Muscat qed tigi respinta bhala infondata taht kull aspett.

Illi l-**hames eccezzjoni** ta' l-akkuzat Muscat li qed tigi bbazata fuq *"nuqqas ta' osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 589 tal-Kap.9"* (Sic!) hija fis-sens li t-tielet kap tal-att ta' l-akkuza huwa null ghaliex fil-parti espozittiva ma gewx imfissra l-fatti li jikkostitwixxu r-reat .

*Illi l-artikolu 589 ( c ) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-att ta' l-akkuza ghandu* inter alia *ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat , bil-partikolaritajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha jkun sar ir-reat, flimkien mac-cirkostanzi kollha li skond il-ligi, fil-fehma tal-Avukat Generali, jistghu ikabbru jew inaqqsu l-piena.*

Illi pero', kif osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici"** [22.4.2004] proprjament din l-eccezzjoni kellha tkun bazata mhux fuq l-artikolu 589 (c) imma fuq il-paragrafu (b) tal-proviso ghas-subartikolu (5) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali. Din id-dispozizzjoni tipprovdi li jkun hemm nullita' fl-Att ta' l-Akkuza ( jew f' kap partikolari) "*meta l-fatt migjub fl-att ta' l-akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f' dak l-att."* Hija ghalhekk din id-dispozizzjoni li l-akkuzat kellu jinvoka in sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu dwar in-nullita' tat-tielet kap. Il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija

ormaj kopjuza w ma hemmx ghalfejn jigu citati pronunzjamenti ohra in materja

Ikun hemm nullita' jew difett kif ravvizat fl-artikolu 449 (5) meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jamontaw <u>fis-sustanza</u> ghar-reat li bih l-akkuzat ikun qed jigi akkuzat.

Din il-Qorti ezaminat il-bran rilevanti tal-parti espozittiva ta' dan l-kap li tghid testwalment hekk :-

"Irrizulta lill-Pulizija li Nazzarene Muscat kien, sia fit-12 ta' Lulju, 2004, kif ukoll fil-periodu tal-erba' gimghat ta' qabel, abbuza mill-meter tal-kurrent elettriku. Dan sar billi huwa waqqaf l-arlogg tad-dawl b' bicca apparat, halli b' hekk ma jigix registrat il-konsum tal-kurrent elettriku. Konsegwentement Nazzarene Muscat volontarjament ikkaguna hsara fis-sistema tal-apparat elettriku."

L-ilment tal-akkuzat hu li f' dan il-kap ma hemmx allegazzjoni ta' hsara u kif saret. L-abbli prosekutur invece jargumenta li l-fatti mehtiega huma inkluzi bl-espressjoni : *"konsegwentement , Nazzarene Muscat ikkaguna hsara fis-sistema tal-apparat kollu."*

*Ikkonsidrat:*

F' dan il-kaz ghalhekk wiehed irid jara jekk fil-parti espozittiva tat-tielet kap, hemmx fis-sustanza l-elementi tar-reat imsemmi fl-artikolu 326 (1) ( c ) u cioe' ta' min jaghmel hsara volontarja fil-makkinarju jew fil-gumni ta' l-elettriku , jew jikkaguna t-telf ta' kurrent elettriku.

Issa ma hemmx dubju li minn qari anki superficjali tal-bran fuq citat li jifforma parti mill-parti espozittiva tal-kap in ezami li l-fatti hemm imsemmija huma deskrizzjoni tal-fatti li jikkostitwixxu r-reat in dizamina. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi respinta bhala infondata.

Illi ghar-rigward tas-**sitt eccezzjoni** tal-akkuzat Muscat, apparti dak li ghadu kif intqal li tali eccezzjoni suppost li wkoll giet bazata fuq l-artikolu 449 (5) u mhux fuq l-artikolu 589, in vista' tad-decizjoni ta' din il-Qorti li tordna l-

korrezzjoni mitluba fl-att ta' l-akkuza biz-zieda tal-kliem fil-parti espozittiva : ***"u dan minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan il-pussess"*** wara l-kliem : "*u li huwa kien xtara jew ipprokura llegalment xi gimghat qabel",* ma jibqax dubju - jekk qatt seta' kien hemm – li dawn il-fatti kif esposti jikkostitwixxu r-reat in dizamina kontemplat fl-artikolu 3 (1) tal-Kap.66 u cioe' ta' min ikun fil-pussess illegali f' xi fond ta' arma tan-nar jew munizzjoni minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni hija infondata u qed tigi respinta.

Ikkonsidrat ;

Illi dwar l-eccezzjoni tal-akkuzat **Clayton Galea,** din tirriferi biss ghan-nullita' tal-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' l-akkuza u hija ukoll imsejjsa fuq l-artikolu 589 ( c ) meta proprjament kellha tkun bazata fuq l-artikolu 449 (5) kif fuq intqal.

F' din l-eccezzjoni jinghid li l-fatti hemm imsemmija mhumiex addebitati lill-akkuzat Galea w konsegwentement la ma hemmx fatt , r-reat ma hux kostitwit ghaliex m' ghandux ezistenza legali.

*Ikkonsidrat;*

Anki hawn minn qari superficjali tal-parti espositiva tal-ewwel kap jidher car li l-akkuzat Clayton Galea jissemma b' mod mill-aktar dirett u esplicitu fil-fatti esposti f' attivita' li tammonta ghall-assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga. Hekk jinghid li wara li "*Muscat …. beda jipprova jhajjar lil **Clayton Galea** sabiex jidhol socju mieghu fit-traffikar tad-droga, ….eventwalment **Clayton Galea** spicca sabiex waqa' ghal dawk it-tentazzjonijiet, aktar u aktar meta intebah bil-prezz gholi tad-droga kienet iggib fis-suq lokali…"* u jkompli : *".. ghall-habta ta' Gunju tas-sena 2004 ..Nazzarene Muscat u **Clayton Galea** dahlu socji ma xulxin u ftehmu li jinvolvu ruhom fit-traffikar tad-droga f' Malta. Wara li **ftehmu, ikkumbinaw bejnithom** il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta' dan **il-pjan***

***miftiehem bejnithom**. Dawn kienu li Nazzarene Muscat jippresta l-uzu tal-appartament tieghu gewwa z-Zejtun, fejn seta' jahbi u jahzen id-droga …mentri **Clayton Galea** kellu jirrealizza l-kuntatti lokali sabiex id-droga setghet timbiegh u r-rikavat taghha jinqasam bejnithom ilkoll.* Ikompli *: "f'….periodu ta' sorveljanza (il-Pulizija) irmexxielha anke tara u tosserva direttament lil **dawn iz-zewg persuni** jahznu u jippakkjaw r-raza f' pakketti differenti. **Huma** inqabdu fil-fatt bil-pussess komuni tal-imsemmija droga mill-Pulizija.. biex b' hekk din l-**assocjazzjoni ta' bejnithjom** fit-traffikar tad-droga giet sfrattata…"*

Inoltre issa bil-korrezzjoni tal-Att ta' l-Akkuza zdied il-kliem *: "L-imsemmija Nazzarene Muscat u **Clayton Galea** ma kienux licenzjati skond il-ligi biex jimpurtaw , ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza f' Malta"*

Illi minn dan kollu jidher car li altru li fil-parti espozittiva tal-ewwel kap jissemmew fatti li jikkostitwixxu r-reat ta' assocjazzjoni ta' traffikar tad-droga, fil-konfront ukoll tal-akkuzat Clayton Galea u kull kumment iehor ikun superfluwu. Ghalhekk din l-eccezzjoni dwar l-ewwel kap hi manifestament infondata u qed tigi respinta.

L-istess jinghid fir-rigward tat-tieni kap fejn, fil-parti espozittiva, jissemma li minn tfittxija li saret f'appartament fiz-Zejtun *…"instab li Nazzarene Muscat u **Clayton Galea** kienu fil-pussess xjenti ta' kwantita' kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis …. Originarjament , din il-kwantita' ta' raza kienet giet prokurata minn Nazzarene Muscat u **Clayton Galea flimkien** …..ghall-habta ta' Gunju tas-sena 2004, **it-tnejn li huma** kienu ssiehbu fil-pussess ta' din id-droga fic-cirkostanzi u bl-ghanijiet imsemmija fil-kap precedenti."*

Anki hawn fil-fehma ta' din il-Qorti jissemmew il-fatti li jikkostitwixxu r-reat ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tad-droga cannabis fil-konfront tal-akkuzat Clayton Galea u b' dak li jinghid hu sodisfatt il-vot tal-artikolu 589 ( c ) u ma hemmx fondament ghall-kwalsiasi eccezzjoni fondata fuq l-artikolu 499 (5) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ta’ Clayton Galea qed tigi respinta kemm ghal dak li jirrigwarda l-ewwel kap kif ukoll ghat-tieni kap.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li qed tilqa’ t-talba tal-Avukat Generali ghal biex isiru il-korrezzjonijiet mitluba minnu fir-rikors tat-18 t’ April, 2007 u tordna li l-jsiru il-korrezzjonijiet fuq imsemmija u tordna li l-akkuzati jigu notifikati mill-gdid bl-att ta’ l-akkuza kif issa qed jigi korrett, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-akkuzat Nazzarene Muscat u l-eccezzjoni ta’ l-akkuzat Clayton Galea u tiddiferixxi l-kawza *sine die* sabiex tkun tista’ tinstema’ quddiem din il-Qorti komposta ukoll mill-gurati meta jmissha t-turn u wara li jkun gie deciz kull appell eventwali minn din is-sentenza, jekk ikun il-kaz.

Sadattant l-akkuzati jibqghu fl-istess stat li huma llum ghal dak li jirrigwarda l-liberta’ provizorja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------